MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 161/2013

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 2977/2012 ipprezentata skont l-Artikolu 166A, fl-ismijiet:**

**Antonia Barbara (ID. 451543M)**

**Vs**

**John Polidano (ID. 335241M)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent John Polidano, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmijin qed jitlob, a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rexxissjoni u ghalhekk li jigi dikjarat null u bla effett, it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimata Antonia Barbara, permezz ta' Ittra Ufficcjali numru 2977/12 fl-ismijiet premessi mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata Antonia Bartolo fejn qed titlob lit-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet,

Ikkunsidrat:

Fir-rikors promotur tieghu, John Polidano qed jitlob li jigi tirrexxindi u tiddikjara it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimata permezz ta’ Ittra Ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

1. In-numru tal-karta tal-identita’ tar-rikorrent Polidano huwa erroneu. Fl-Ittra Ufficcjali attakkata gie ndikat in-numru 335241(M), mentri fil-fatt dan huwa 335243(M) (ara Dok C anness mar-rikors promotur).

2. L-ittra ufficcjali ma kellhiex anness maghha c-cekk riferit fl-imsemmija ittra, liema dokument, skont ir-rikorrent, seta’ jkun ta’ importanza fil-kontestazzjoni tar-rikorrent, kif ukoll li l-ittra ufficcjali hija nieqsa minn *“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba”* kif jitlob l-Artikolu 166A(2).

3. L-ittra ufficcjali qatt ma waslet ghand ir-rikorrenti Polidano.

Rigward l-ewwel raguni, u cioe l-izball fl-ittra ufficjali fl-indikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identita’ tar-rikorrenti, l-intimata Barbara issottomettiet illi dan l-izball ma jwassalx ghan-nullita tal-istess ittra ufficjali, u dan in vista tal-fatt li l-identifikazzjoni tal-istess John Polidano giet sodisfatta b’dettalji ohra. Il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni tal-intimata. Ghal fini ta’ notifika ta’ att gudizzjarju l-izjed haga importanti u determinanti kienet l-identita` tal-persuna li kellha tkun innotifikata, imqar jekk dwar isimha tirrizulta xi skorretezza. In oltre, l-ittra ufficjali *de quo* giet segwita b’att gudizzjarju iehor, senjatament ir-rikors ghal bejgh tal-immobbli tar-rikorrent in subbasta, li fih in-numru tal-karta tal-identita tar-rikorrent gie indikat korrettement, u dan il-

fatt nehha kull dubbju li seta' kien hemm dwar l-identita tar-rikorrenti fl-ittra ufficjali.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Carmela Vella et vs Anton Galea et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Civili) fit-23 ta' Ottubru, 1991, gie ritenut illi *"… ... li huma l-persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuni ohra."* (ara wkoll fl-istess sens **Carmelo Galea et vs Guido Vella et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 t'April 2004).

Fil-kaz odjern, huwa pacifiku li l-ittra ufficjali giet notifikata lil mart ir-rikorrent, fid-dar matrimonjali – notifika *prima facie* valida – u mhux lil xi terza persuna, u ghalhekk l-izball fin-numru tal-karta tal-identita ma kkrea l-ebda konfuzjoni fl-identita tar-rikorrent.

Ghaldaqstant, l-ewwel raguni ghaliex it-titolu ezekuttiv ghandu jigi dikjarat null qed tigi michuda.

It-tieni raguni sottomessa mir-rikorrent Polidano sabiex jigi revokat it-titolu ezekutttiv hija ghaliex l-ittra ufficcjali ma kellhiex anness maghha c-cekk riferit fl-imsemmija ittra, liema dokument, skond ir-rikorrent, seta' jkun ta' importanza fil-kontestazzjoni tar-rikorrent, kif ukoll li l-ittra ufficcjali hija nieqsa minn *"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"* kif jitlob l-Artikolu 166A(2).

L-imsemmi Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *"l-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn <u>ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-</u>*

*talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba*[1]*: ... ...*"

Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana v. Andrew Mercieca**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010, gie ritenut illi *"permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha **"dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba"**. Il-kliem **"ghal xoghol u parts"** m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha **"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"**. Mandanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss*[2]*. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spiega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-*

[1] Sottolinear tal-Qorti.
[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat*."

Dawn l-osservazzjonijiet gew konfermati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Gouder et v. Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010. Wara li kkunsidrat is-sentenza **Sultana v. Mercieca** u l-principji enuncjati fiha, il-Qorti tal-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza "W*iehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostituttiv tal-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gjaladarba l-uzu tal-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-kaz, 'appalt ta' injam' – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut tal-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala 'ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi' (***Fortunata Mizzi*** [recte Maggi] ***v. Rosina Coleiro**, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1949), jew 'ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza' (***Carmelo Darmenia*** [recte Darmanin] ***v. Avukat Dottor Charles Moore nomine**, Prim' Awla, Qorti Civili,*

*14 ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv. Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso tal-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de qua lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha*.*"*

Fil-kaz odjern, l-ittra ufficjali titlob hlas minghand ir-rikorrent Polidano ta' €11,646 *"rapprezentanti ammont cert, likwidu u dovut minnek ghal somma ekwivalenti ta' flus li kienet giet mislufa lilek xi zmien ilu kif jirrizulta minn cheque mahrug u iffirmat minnek stess ghall-imsemmija cifra u liema cheque ma giex onorat nonostante li gie pprezentat diversi drabi ghal hlas."* Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti din ma tistax tigi kkunsidrata bhala *"dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba"* kif tesigi l-ligi. Ma hemm l-ebda indikazzjoni la tad-data meta sar dan is-self – liema data tista' tkun valida ghal fini ta' preskrizzjoni – x'kienu c-cirkostanzi li fihom inghata s-self, ma giex ezebit ic-cheque imsemmi fl-istess ittra ufficcjali, u lanqas gie spjegat car ghal liema raguni inhareg dan ic-cheque, u lanqas gew indikat d-dati meta gie ipprezentat ghal hlas. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimata Barbara li l-ligi ma tezigix li l-fatti jitnizzlu fuq xi dokument separat, pero dawn il-fatti riedu jitnizzlu fl-ittra ufficcjali sabiex ikunu jistghu isostnu t-talba u jigi konfermati bil-gurament mill-intimata Barbara – haga li naqset li ssir.

Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li t-tieni raguni moghtija mir-rikorrent ghalfejn it-titolu ezekuttiv *de quo* ghandu jigi revokat hija gustifikata.

In vista ta' din il-konkluzjoni, l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fit-tielet raguni ghalfejn dan it-titolu ezekuttiv ghandu jigi revokat, u cioe dik tal-allegat nuqqas ta' notifika.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent John Polidano u tiddikjara l-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'

Malta fl-ismijiet “Antonia Barbara v. John Polidano” datata 19 ta’ Dicembru 2012, bin-Numru 2977/12, nulla u bla effetti fil-ligi u konsegwentement tirrexxindi u tiddikjara null u bla effetti fil-Ligi t-titolu ezekuttiv tal-intimata Barbara kontra r-rikorrent Polidano naxxenti minn dik l-ittra.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------